MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2006

Avviz Numru. 2/2006

**Citadel Insurance p.l.c.**

**vs**

**Fiona Brincat**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef tmien mija u disgha u disghin Lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (LM3,899.63,0), jew somma ohra verjuri, li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha takkorda, jekk hemm bzonn permezz ta' perit jew periti nominandi, liema somma tirrapprezenta ammont imhallas mis-socjeta' attrici favur Lloyds (Malta) Limited a tenut tal-Kaptiolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u konsistenti f'sorte,**

**imghax bit-tmienja fil-mija (8%) b'effett mill-10 ta' Ottubru tas-sena 2004, u taxxa ta' l-ispejjez gudizzjarji, u dana in segwitu sentenza fl-ismijiet Lloyds (Malta) Limited versus Brincat Fiona, (Citazzjoni Numru 1375/01 JA), tal-4 ta' Ottubru tas-sena 2004, rigward incident stradali li sehh f'Bahar ic-Caghaq nhar it-28 ta' Gunju tas-sena 2000. Din it-talba qed issir stante li fil-hin ta' l-incident in kwistjoni ma kellhiex il-kopertura necessarja ghaliex ma kellhiex hamsa u ghoxrin (25) sena jew aktar, kif rikjest mill-polza ta' assikurazzjoni li kienet inharget mis-socjeta' attrici fuq il-vettura minnha misjuqa fil-hin ta' l-incident u liema polza harget fuq ordni ta' certu Emanuel Brincat;**

**Il-konvenuta ghalkemm interpellata anke permezz ta' ittra legali datata il-5 ta' April tas-sena 2005, baqghet inadempjenti;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata l-5 ta' April tas-sena 2005 u bl-imghax legali, sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta in subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-30 ta' Mejju tas-sena 2006 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici Citadel Insurance p.l.c. bl-ispejjez kontra l-konvenuta Fiona Brincat .**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------